# Il-Ħadd 29.11.2020

1. Nifirħu lill-Eminenza tiegħu, Mons. Mario Grech, fil-ħatra tiegħu bħala Kardinal tal-Knisja Kattolika. Filwaqt li nawgurawlu, nitolbu ħafna għalih f'din il-missjoni l-ġdida li l-Mulej permezz tal-Papa qed jafdalu.

2. Illum 29/11, **l-Ewwel Ħadd tal-Avvent** u **Jum l-Art Imqaddsa**:
   - Fid-9:00am - Quddiesa li fiha jsir it-Tberik tal-Girlanda li ser tgħinna biex nippreparaw ruħna għall-Miġja ta' Ġesù.

3. Il-Ġimgħa 4/12, **l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**:
   - Fis-5:45pm ikun hawn ħin għall-Qrar.
   - Wara l-Quddiesa tas-6:30pm ikollna nofs siegħa Adorazzjoni.

4. Il-Ħadd 6/12, **it-Tieni Ħadd tal-Avvent**

5. Avviżi oħra:
   - Illum 29/11, mit-8:30am sas-1:00pm ser ikun hemm il-*Mobile Blood Donation Unit* maġenb il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa biex tagħtu d-demm. Dawk li bi ħsiebhom jagħmlu dan mitluba jieħdu magħhom il-karta tal-identità.
   - Matul dan ix-xahar ser ikollna qfief fuq l-altar biex inġibu affarijiet li wara jingħataw bħala għajnuna lill-persuni fil-bżonn u istituti. Tajjeb li ma noqgħodux lura milli nuru ġenerożità mal-proxxmu tagħna f'dan iż-żminijiet diffiċċli għal kulħadd.
   - Mill-Ħamis 3/12 sal-Ħadd 6/12, fejn il-bieb tal-knisja, ser ikun hemm min ibiegħ ponsjetti u biljetti ta' lotterija. Dan b'risq il-manutensjoni u l-proġetti prinċipali tal-knisja. Napprezzaw kull koperazzjoni.

6. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 115 bħala ġabra speċjali tal-Quddies tal-Ħadd li għadda;
   - € 60 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr;
   - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points**, **illum jgħoddu bħala ġabra speċjali b'risq l-Art Mqaddsa.** Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.